MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 1425/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentnza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Frank Camilleri sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Adrian Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta attrici nomine et talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et s-somma ta' hames mija u sitta u sittin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm566.26) li jinkludu mitt lira Maltin (Lm100) 'Excess" imhallas mill-assikurat Frank Camilleri rappresenanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tad-9 ta' Dicembru 1998 gew l-Mosta ,

bejn l-vettura numru FBY 763 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru IBA 253 misjuqa minn Stefano Murdocco u propjeta’ tal-assikurat tas-socjeta’ attrici Frank Camileri, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta ‘April, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjijiet tal-istess konvenut (fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilisitku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta’ Stefano Murdocco xufier tal-vettura Nru, IBA 253.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-fatti in esami, is-socjeta attrici nomine et ipproducew, bhala provi, s-segwenti:-

a) <u>Martin Casha</u> (fol 37 et seq ibid) li kien passiggier fil-karozza numru IBA 253 misjuqa minn Stefano Murdocco u assikurata mal-istess socjeta attrici.
b) l-istess <u>Stefano Murdocco</u> (fol 46 u fol 47 ibid) kif ukoll il-kontro esami tieghu a fol 67.
c) <u>L-ex PS 696 Carmelo Cauchi</u> (fol 56 u fol 57 ibid) li esebixxa kopja tar-<u>rapport</u> (fol 58) olte li kkonferma bhala ‘kopja tajba’ tal-<u>iskizz skalat</u> dak, di gja, esebit in atti fol 26 (ara ukoll fol 62 ibid).

d) ‘Affidavit’ sottomess minn Hugh P Zammit in rapprezentanza tal-istess socjeta attrici u esebixxa d-dokumenti annessi minn fol 15 sa fol 26 tal-istess atti.

Illi, minn dawn il-provi, jidher li l-habta in ezami grat fi Triq il-Kostituzzjoni, fil-Mosta, triq principali u matul il-jum, wahda pjuttost traffikuza fiz-zewg direzzjonijiet. L-istess triq hija ‘two way’ b’lane fuq kull naha in konnessjoni ma traffiku gej mid-direzzjoni ta’ Burmarrad u mill-Pjazza tal-Mosta. L-istess triq, kif tghaddi d-dar tax-xjuh bl-isem ta’ Casa Arkati, tispicca f’telgha, u hawnhekk fuq il-lemin, issib triq laterali ossija Triq il-Fortizza, kif murija fuq l-istess skizz.

Illi Stefano Murdocco spjega li minn Triq il-Kostituzzjoni kien ser jdur lejn il-lemin tieghu sabiex jidhol f’Triq il-Fortizza. Filfatt, fix-xhieda tieghu hu qal li meta wasal sabiex jdur lejn l-istess triq laterjali, hu waqaf u xeghel l-‘indicator’ u stenna vicin id-‘dotted white lines’ sakemm wahda mill-karozzi gejjin mill-faccata tieghu waqfet sabiex jkun jista’ jesegwixxi din il-manuvra. Hawnhekk, “Kif esattament ksirt (u beda jdur lejn il-lemin) saret il-habta” billi x-xarabank misjuqa mill-konvenut u li kienet gejja minn warajh, dahlet gol-karozza misjuqa minnu u ikkagunat hsara fuq il-gemb tal-lemin. In rigward Martin Casha, dan, fis-sustanza, xehed dak li ntqal minn Stefano Murdocco izda zied li dan kien hares, fil-mirja, sabiex jara jekk kienx hemm traffiku gej minn warajh.

Illi in rigward l-iskizz u rapport, ghandu jigi notat li l-karozza misjuqa minn Stefano Murdocco, kif murija fuq l-istess skizz, di gja kienet bdiet iddur lejn il-lemin sabiex tidhol f’Triq il-Fortizza waqt li x-xarabank misjuqa mill-konvenut tinsab, kwazi ghal kollox u angolta fuq in-naha l-hazina tat-triq (ara ukoll dak li stqarr ‘a caldo’ l-istess Stefano Murdocco a fol 59 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut oltre li stqarr lill-imsemmi Pulizija illi l-karozza misjuqa minn Murdocco daret lejn il-lemin u hu ghamel tentattiv sabiex jevitaha xehed (fol 69 u fol 70 ibid)

li waqt li kien tiela' fuq l-imsemmija telgha, ma kien hemm ebda karozza quddiemu. Inoltre kien sab karozza 'li qabel ma kontx rajtha' li '… harget minn x'imkien, ma nistax nghid minn fejn, nahseb li kienet ipparkjata u kisret quddiemi'. Meta gara dan, hu pprova jevita l-habta billi ghafas il-'brake' oltre li ipprovaha jevitaha, billi dar lejn il-lemin u b'hekk spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq. Hu sostna li ma kienx ra li l-karozza l-ohra kellha l-'indicator' mixghul u li ma kienx minnu li ried joltrepassa l-karozza msemmija, li meta ra ghall-ewwel darba kienet il-boghod minnu '… qiesu xarabank u nofs'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif rinfaccjata b'zewg versonijiet tal-fatti konfliggenti bejniethom u kif hawn fuq premessi, gew esaminati l-provi prodotti u li jista' jinghad huma indipendenti mill-partijiet involuti. Filfatt l-unika prova li tista tigi kwalifikata bhala tali hi l-<u>iskizz u kopja ta' rapport imsemmijin</u>. L-istess skizz ma giex kontestat mill-istess partijiet u minnu wiehed jista' jinnota li l-karozza misjuqa minn Stefano Murdocco tidher li qed iddur lejn il-lemin sabiex tidhol go Triq il-Fortizza, kif xehed l-istess sewwieq. In rigward ix-xarabank dan jinsab, kwazi ghal kollox, fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ghadu jigi notatat li l-konvenut, dwar dan, xehed li, qabel l-incident in esami, hu xehed li kien ra ghall-ewwel darba, l-istess karozza meta din kienet quddiemu madwar '…. xarabank u nofs' u meta din daret lejn il-lemin, hu ghafas l-'brake' oltre li ghamel tentattiv sabiex jevitaha bil-manuvra kif deskritta. Dwar dan jrid jinghad li ma instabet <u>ebda evidenza li filfatt il-'brake' gie maghfus</u> u dan il-fatt fil-fehma tal-Qorti, jitfa' dell ikrah, fuq il-kredibilita o meno ta' dak li xehed l-istess konvenut. In rigward Stefano Murdocco, l-istess Qorti ma sabet ebda evidenza li dak li xehed hu ma kienx jirrispekkja dak li filfatt gara f'dan il-kaz u ghalhekk il-Qorti tara li, effettivament, dan ha l-prekawzjonijiet kollha rikjesti minnu meta biddel id-direzzjoni tas-sewqan u dan billi waqaf, bl-'indicator' mixghul, sakemm vettura gejja mid-direzzjoni opposta waqfet u hekk, seta jdur lejn il-lemin. Da parti tal-konvenut, l-istess Qorti, hi konvinta fuq bazi ta' probabilta, li dan ipprova <u>joltrepassa il-karozza l-ohra, waqt li kienet</u>

qed tigi esegwita l-manuvra kif deskritta u ghalhekk, minhabba dan is-sewqan traskurat u imprudenti kkawza dan l-incident. It-triq in kwistjoni giet deskritta bhala dritta u b'vizwali tajba u ghalhekk kieku l-konvenut kien attent, kif suppost, ma setax ma jarax li l-karozza quddiemu kienet ser iddur lejn il-lemin. In konkluzjoni, jidher li l-konvenut ghandu jigi ritenut bhala unikament responsabbli ghall-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-'quantum' ta' danni kagunati fuq il-karozza misjuqa minn Murdocco, u li ma giex kontestat mill-konvenut issir referenza ghad-dokumenti minn fol 15 sa fol 22 tal-istess atti kif ukoll ghax-xhieda b'affidavit' ta' Hugh P Zammit, gja msemmija. Mill-istess xhieda jidher li l-assikurat tas-socjeta attrici nomine hallas Lm100 in rigward 'excess'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala, unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm566.26,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm466.26,0 u lill-attur, Frank Camilleri, is-somma ta' Lm100 bl-imghax legali mit-13 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta' April 2000 u tad-29 ta' Settembru 2000 oltre Lm10.50,0 ta' ittra bonarja u konsult imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------